VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,350, 2 ta' Diċembru, 2014
Taqsima B

A.L. 423 tal-2014

ATT DWAR IS-SERVIZZI POSTALI
(KAP. 254)

Regolamenti tal-2014 li jirrevokaw Leġislazzjoni Sussidjarja li saret taħt l-Att dwar is-Servizzi Postali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu permezz tal-artikolu 81 tal-Att dwar is-Servizzi Postali, il-Ministru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2014 li jirrevokaw Leġislazzjoni Sussidjarja li saret taħt l-Att dwar is-Servizzi Postali.

Jirrevoka leġislazzjoni sussidjarja.

2. (1) Il-leġislazzjoni sussidjarja msemmija fis-subregolament (2) hi b'dan revokata, mingħajr preġudizzju għal dak kollu li sar jew li naqas milli jsir taħtha.

(2) Il-leġislazzjoni sussidjarja revokata huma dawn li ġejjin:

- ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet li għandhom jitħallsu għal Proċeduri bil-Miktub fuq Appelli (L.S.254.11).

- ir-Regolamenti dwar ir-Regoli ta' Proċedura għar-rigward tal-Bord ta' l-Appelli dwar is-Servizzi Postali (L.S.254.12), u

- ir-Regolamenti dwar Modifika fil-Liċenza ta' Maltapost p.l.c (L.S.254.14).